**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 350 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Joseph Muscat fil-konfront tal-Onor. Jason Azzopardi minħabba allegazzjonijiet li saru fil-Kamra**

Is-Sedja tagħmel referenza għal dak li qal l-Onor. Joseph Muscat fis-Seduta 349 tal-24 ta' Ġunju 2020 u nikkwota:

> "**ONOR. JOSEPH MUSCAT:** Sur President, l-ewwel okkażjoni li għandi f'din il-Kamra u taf li jien mill-istil tiegħi nemmen li politiku jrid jibqa' jaqla' ġo fih kemm jista' u jħalli l-libertà tal-espressjoni tirrenja suprema. F'din il-Kamra jien ġejt mgħajjar "korrott", "ħalliel" u elf ħaġa oħra u ħallejtha għaddejja. Illum assistejt, Sur President – wara li rajt rapporti u ċċekkjajt dak li ntqal – għall-aktar każ, fil-fehma tiegħi, u użu diżgustanti tal-privileġġ parlamentari li tagħtina din il-Kamra. Għalhekk qed nitlob *ruling* min-naħa tiegħek.
>
> Illum waranofsinhar, fl-Aġġornament, l-Onor. Jason Azzopardi għamel gidba inġurjuża u malafamanti għall-aħħar fil-konfront tiegħi li minbarra li niċħadha bil-qawwa, hija wkoll bla bażi. Qal hekk:
>
> > "Id-deċiżjoni ta' Joseph Muscat li jsejjaħ elezzjoni bikrija fl-2017 ma kenitx Egrant, għax Egrant Daphne kienet kitbet dwarha fl-20 ta' April tal-2017, iżda kienet l-għarfien ta' Joseph Muscat, flimkien ma' kompliċi korrotti tiegħu, illi jinkixfu minn Daphne Caruana Galizia u għaliex kienu jafu, u Joseph Muscat kien sar jaf, li kien hemm pjan, *plot*, biex tinqatel Daphne Caruana Galizia u allura ried bilfors jeħles l-elezzjoni qabel ma tinqatel."
>
> F'din il-kalunja, Sur President, qed jiġi hawnhekk allegat li jien b'xi mod kont naf bi *plot* ta' qtil, li ma jirriżulta minn imkien, mill-ebda fantasija, u jien ngħid l-ebda livell ta' skontru politiku ma jiġġustifika li bniedem jiġi mċappas b'allegazzjoni ta' dan it-tip, Sur President, li ma tirriżulta minn imkien ħlief mill-fantasija bla sens tal-Onorevoli Membru, li nerġa' ngħid, jista' jgħajjarni li jrid u għandu kull dritt u jagħmel hu, u nibqa' għaddej minn fuqhom dawk l-affarijiet, dak l-istil tiegħi, imma ħadd mhu se jħammiġni f'sitwazzjoni bħal din li hija intollerabbli.
>
> Taf x'naf, Sur President?! Jien naf żewġ affarijiet: Huwa l-istess Onor. Membru li min jaf kemm bagħatli messaġġi *tramite* terzi biex lilu ma nattakkawhx fuq każijiet partikolari u għax kienu każijiet personali jien qatt ma missejtu u qatt mhu se mmissu, għax hemmhekk hemm linja. Sur President, jien kelli elf difett u għandi elf difett imma taf x'naf? Jien l-unika Prim Ministru li taħti ġie solvut każ maġġuri ta' qtil, Sur President. Grazzi. (Onor. Membri: *Hear, hear*)"

Hawnhekk is-Sedja kkonfermat li kien qed jitqajjem każ ta' ksur ta' privileġġ u infurmat lill-Onor. Muscat li kienet qed tieħu nota tal-punti mqajma u li se tagħti *ruling* f'seduta oħra.

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja l-ewwel se tirreferi għad-diskors tal-Aġġornament tas-Seduta 348 tal-24 ta' Ġunju 2020 li qed issir referenza għalih mill-Onor. Joseph Muscat u tinnota li dan l-Aġġornament ittieħed minn tliet Membri tal-Oppożizzjoni: mill-Onor. Clyde Puli, mill-Onor. Claudette Buttigieg, u mill-Onor. Jason Azzopardi li tkellem fl-aħħar tmien minuti tal-istess Aġġornament immedjatament qabel il-Kamra ġiet aġġornata għas-seduta tal-4.00 ta' wara nofsinhar f'dik l-istess ġurnata.

Is-Sedja hija għalhekk tal-fehma li s-seduta ta' wara nofsinhar tal-24 ta' Ġunju 2020 kienet l-ewwel opportunità fejn l-Onor. Joseph Muscat seta' jqajjem il-każ li qed jiġi trattat f'dan ir-*ruling* u dan *ai termini* tal-Ordni Permanenti 36 li jgħid hekk:

> "**36.** Mozzjoni dwar kwestjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduta tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwestjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità li tista' ssir qabel il-bidu tax-xogħol pubbliku."

Is-Sedja rreferiet ukoll għat-traskrizzjoni tad-diskors tal-Aġġornament tal-Onor. Azzopardi u ħadet nota ta' dawn l-estratti mill-istess diskors, u nikkwota:

> " ... illi d-deċiżjoni ta' Joseph Muscat li jsejjaħ elezzjoni bikrija fl-2017 ma kenitx Egrant, għax Egrant Daphne kienet kitbet dwarha fl-20 ta' April tal-2017, iżda kienet l-għarfien ta' Joseph Muscat flimkien ma' kompliċi korrotti tiegħu illi jinkixfu minn Daphne Caruana Galizia u għaliex kienu jafu, u Joseph Muscat kien sar jaf, li kien hemm pjan biex tinqatel Daphne Caruana Galizia u allura ried bilfors jeħles l-elezzjoni qabel ma tinqatel."

Is-Sedja nnutat ukoll li aktar tard fid-diskors tiegħu l-Onor. Azzopardi qal, u nerġa' nikkwota:

> "Però hemm żewġ interpretazzjonijiet issa u Robert Abela jrid jaġixxi. *Best case scenario*: li Joseph Muscat sejjaħ elezzjoni bikrija għax kien jaf li Daphne Caruana Galizia se toħroġ l-istorja tal-Montenegro. Għax tal-Montenegro huwa l-mottiv għalfejn inqatlet Daphne Caruana Galizia."

u ftit wara qal:

> *"Worst case scenario*: Joseph Muscat kien jaf li hemm pjan biex tinqatel ..."

Is-Sedja għalhekk issa se tgħaddi biex tara jekk effettivament dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat imurx kontra r-regoli tal-Kamra u jammontax għal ksur ta' privileġġ taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra (Kap. 113), u dan kif għamlet drabi oħra fosthom fir-*ruling* li kienet tat dwar l-ilment imqajjem mill-Onor. Marthese Portelli fil-konfront tal-Onor. Joe Mizzi fis-Seduta 277 tas-16 ta' Ġunju 2015.

Is-Sedja tibda billi tirreferi għall-Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

> "**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru".

F'dan ir-rigward, is-Sedja tara li b'dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat, kien qed jattribwixxi intenzjoni ħażina *da parti* tal-Onor. Muscat; intenzjoni li qatt m'għandha tiġi attribwita lil xi Membru ta' din il-Kamra. Kif diġa ġie espress minn numru ta' Speakers, hemm rimedji parlamentari u nżid ngħid ukoll, kostituzzjonali li jistgħu jittieħdu fil-konfront ta' Membru tal-Kamra f'każ ta' nuqqas ippruvat da parti ta' Membru tal-Kamra.

Is-Sedja rat ukoll dak li tgħid l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, senjatament dak li jgħid l-artikolu 11 tagħha fejn jitkellem dwar x'jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att u nikkwota:

> "(b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

F'dan ir-rigward is-Sedja tara li dak li qal l-Onor. Azzopardi, u ċjoè li:

> "Joseph Muscat kien sar jaf, li kien hemm pjan, *plot*, biex tinqatel Daphne Caruana Galizia u allura ried bilfors jeħles l-elezzjoni qabel ma tinqatel."

jikkwalifika b'mod ċar u lampanti, bħala *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Is-Sedja hija tal-fehma li l-Onor. Azzopardi seta' għamel l-argument tiegħu mingħajr ma poġġa lilu nnifsu f'pożizzjoni li tmur kontra dak li jgħid l-Ordni Permanenti 60 kif ukoll *prima facie* kontra l-artikolu 11(4)(b) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113. Hawnhekk is-Sedja tikkwota minn dak li jgħid l-Erskine May (24 Edizzjoni) f''paġna 444:

> "*good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language*".

Is-Sedja tara li l-lingwaġġ li uża f'din l-istanza l-Onor. Jason Azzopardi ċertament ma kienx karatterizzat minn *good temper* u lanqas minn *moderation*.

Hawnhekk is-Sedja se tagħmel referenza wkoll għall-pubblikazzjoni intitolata "House of Commons Procedure and Practice" xogħol edittjat minn Robert Marleau u Camille Montpetit fis-sena 2000 dwar il-Parlament Kanadiż u oħrajn. Taħt it-taqsima "Misuse of Freedom of Speech" ta' din il-pubblikazzjoni nsibu dan li ġej:

> *"The privilege of freedom of speech is an extremely powerful immunity and Speakers have on occasion had to caution Members about its misuse. In a ruling following a question of privilege, Speaker Fraser urged Members to take the greatest care in framing questions concerning conflict of interest guidelines. Since the question raised affected the very nature of Members' rights and immunities, he spoke at length about the importance of freedom of speech and the need for care in what Members say:*
>
> > *"There are only two kinds of institutions in this land to which this awesome and far-reaching privilege [of freedom of speech] extends—Parliament and the legislatures on the one hand and the courts on the other. These institutions enjoy the protection of absolute privilege because of the overriding need to ensure that the truth can be told, that any questions can be asked, and that debate can be free and uninhibited. Absolute privilege ensures that those performing their legitimate functions in these vital institutions of Government shall not be exposed to the possibility of legal action. This is necessary in the national interest and has been considered necessary under our democratic system for*

> *hundreds of years. It allows our judicial system and our parliamentary system to operate free of any hindrance."*
>
> *"Such a privilege confers grave responsibilities on those who are protected by it. By that I mean specifically the Hon. Members of this place. The consequences of its abuse can be terrible. Innocent people could be slandered with no redress available to them. Reputations could be destroyed on the basis of false rumour. All Hon. Members are conscious of the care they must exercise in availing themselves of their absolute privilege of freedom of speech. That is why there are long-standing practices and traditions observed in this House to counter the potential for abuse."*

*In a ruling following a point of order, Speaker Parent also emphasized the need for Members to use great care in exercising their right to speak freely in the House:*

> *"... paramount to our political and parliamentary systems is the principle of freedom of speech, a member's right to stand in this House unhindered to speak his or her mind. However when debate in the House centres on sensitive issues, as it often does, I would expect that members would always bear in mind the possible effects of their statements and hence be prudent in their tone and choice of words.""*

Minn din l-istess pubblikazzjoni, taħt it-taqsima intitolata "*Sub judice Convention*" is-Sedja se tikkwota wkoll dan li ġej:

> *"There are other limitations to the privilege of freedom of speech, most notably the sub judice ("under the consideration of a judge or court of record") convention. It is accepted practice that, in the interests of justice and fair play, certain restrictions should be placed on the freedom of Members of Parliament to make reference in the course of debate to matters awaiting judicial decisions, and that such matters should not be the subject of motions or questions in the House. Though loosely defined, the interpretation of this convention is left to the Speaker."*

Għaldaqstant wara li s-Sedja qieset dan kollu qiegħda fl-ewwel opportunità li għandha llum, tistieden lill-Onor. Jason Azzopardi biex jirtira l-kliem li qal fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat, u ċjoé li:

> "... Joseph Muscat kien sar jaf, li kien hemm pjan, *plot*, biex tinqatel Daphne Caruana Galizia u allura ried bilfors jeħles l-elezzjoni qabel ma tinqatel."

Issa nsejjaħ lilek, Onor. Jason Azzopardi sabiex tindika jekk dan il-bran mid-diskors kollu intix ser tirtirah jew le.

> **ONOR. JASON AZZOPARDI:** Grazzi ħafna Sur President. Le, ma nistax nirtirah. L-ewwel nett għaliex kemm-il darba għedtha u ktibtha anke barra mill-Kamra, u t-tieni nett nistieden lill-Gvern ilaqqa' kemm jista' jkun malajr il-Kumitat dwar il-Privileġġi sabiex naraw min qed jgħid il-verità.

Ladarba l-Onor. Azzopardi kkonferma illi ma huwiex ser jirtira dan il-kliem, is-Sedja ma għandha l-ebda għażla ħlief li ssib lill-Onor. Jason Azzopardi ħati *prima facie* ta' ksur ta'

privileġġ fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat u għaldaqstant tirreferi l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

Is-Sedja tħoss li għandha terġa' tappella, kif għamlet diversi drabi, sabiex kull Membru ta' din il-Kamra jkun meqjus fi kliemu u dejjem jimposta d-diskors tiegħu b'attenzjoni sabiex ma joħloqx malintiż, jew agħar minn hekk, jattribwixxi intenzjonijiet ħżiena. Il-Membri Parlamentari għandhom jagħmlu dan b'rispett lejn l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, lejn l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda fuq kollox b'rispett lejn xulxin. F'din l-istituzzjoni huwa essenzjali li filwaqt li ssir il-kritika kollha li għandha ssir, id-diskussjoni għandha dejjem tinżamm fuq livell ċivili u dan jista' jseħħ biss jekk kull wieħed u waħda minna neżerċitaw dejjem l-awto-dixxiplina u l-prudenza fil-mod kif nagħmlu l-argumenti tagħna u kif inġibu u nesprimu ruħna fil-konfront ta' xulxin.

Ir-*ruling* huwa deċiż.